MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2010

Citazzjoni Numru. 272/2010

**Av. Peter Fenech bhala mandatarju specjali tas-socjetajiet esteri Sony Corporation u Sony Ericsson Mobile Communications AB**

**vs.**

**Dr. Simon Micallef Stafrace u l-Prokuratur Legali Victor Bugeja li b'digriet tas-6 ta' Mejju 2010 gew nominati bhala kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-assenti kunsinjatarju M.B.M.T u NOUR LINE ghal kull interess li jista' jkollha**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat tal-Avukat Peter Fenech bhala mandatarju specjali tas-socjetajiet esteri Sony Corporation

u Sony Ericsson Mobile Communications AB datat 24 ta' Marzu 2010 a fol. 1 tal-process fejn ippremetta: -

Illi l-esponenti gie mahtur mandatarju tas-socjetajiet esteri Sony Corporation u Sony Ericsson Mobile Communications AB sabiex jirrapprezenta l-azzjonijiet gudizzjarji necessarji sabiex jigu protetti l-interessi taghhom.

Illi s-socjeta` rikorrenti Sony Corporation hija l-proprjetarja tad-drittijiet registrati bhala *Community Trademarks* u *Community Designs,* ma l-*Office for Harmonization in the Internal Market* tal-Unjoni Ewropea: il-kelma 'SONY', liema dritt gie registrat fis-sbatax (17) ta' Awwissu 2007 u moghti n-numru ta' registrazzjoni CTM 005416243 (Dok "PF 1"); il-kelma 'CYBER-SHOT', liema dritt gie registrat fid-dsatax (19) ta' Gunju 2008 u moghti n-numru ta' registrazzjoni CTM 06134019 (Dok "PF 2"); u l-kelma 'infoLITHIUM', liema dritt gie registrat fl-erbgha u ghoxrin (24) ta' Lulju 2006 u moghti n-numru ta' registrazzjoni CTM 004043576 (Dok "PF 3").

Illi s-socjeta` rikorrenti Sony Ericsson Mobile Communications AB hija l-proprjetarja tad-drittijiet registrati bhala *Community Trademarks* mal-*Office for Harmonization in the Internal Market* tal-Unjoni Ewropea: is-simbolu msejjah 'LIQUID IDENTITY', liema dritt gie registrat l-ewwel darba fit-25 ta' Settembru 2003 u moghti n-numru ta' registrazzjoni 002634632 (Dok "PF 4").

Illi fl-erbgha u ghoxrin (24) ta' Frar tas-sena elfejn u ghaxra (2010) r-rikorrenti *nomine* gie nfurmat mill-Kontrollur tad-Dwana illi waqt l-iskrutinji tieghu gewwa l-Port Hieles, Marsaxlokk, Malta, huwa kien issosspenda r-rilaxx tal-*container* bin-numru ECMU 8013980 li dahal gewwa l-Port Hieles fuq il-vapur CMA CGM Don Giovanni liema *container* kien fih: (a) 60 *AC adapters* kollha bil-marki 'SONY' anke fuq l-istess ippakkeggjar tal-*adapters*; (b) 60 *batteries* kollha bil-marka 'SONY', 'CYBER-SHOT' u 'infoLITHIUM' anke fuq l-istess ippakkeggjar tal-*batteries* u (c) 960 *earphones* kollha bis-simbolu msejjah 'LIQUID IDENTITY'(Dok PF5); u li *prima facie* dehru lill-

Kontrollur tad-Dwana li dawn jikkontravjenu drittijiet ta' proprjeta` intelletwali.

Illi mill-kampjuni li ttiehdu mir-rikorrenti *nomine* jirrizulta li l-merkanzija msemmija inkluz l-ippakkeggjar tal-istess u mizmuma taht l-awtorita` tal-Kontrollur tad-Dwana huma fil-fatt kontraffazzjonijiet ghar-raguni li: fir-rigward ta' l-*AC Adapters*, fihom il-kelma 'SONY' u kienu gew manifatturati u esportati minghajr l-awtorizzazzjoni ta' Sony Corporation, u ghalhekk jikkontravjenu d-drittijiet ta' proprjeta intelletwali ta' Sony Corporation; u fir-rigward ta' l-*batteries* fihom il-kliem 'SONY', 'CYBER-SHOT' u 'infoLITHIUM' u ghalhekk jikkontravjenu d-drittijiet ta' proprjeta` intelletwali ta' Sony Corporation; u fir-rigward tal-*earphones,* fihom is-simbolu msejjah 'LIQUID IDENTITY' u kienu gew manifatturati u esportati minghajr l-awtorizzazzjoni ta' Sony Ericsson Mobile Communications AB, u ghalhekk jikkontravjenu d-drittijiet ta' proprjeta` intelletwali ta' Sony Ericsson Mobile Communications AB u r-rapport ta' Sony Ericsson Mobile Communications AB huwa mmarkat u anness bhala Dok. 'PF 6' filwaqt li r-rapport ta' Sony Corporation ser jigi esibit fil-mori tal-kawza.

Illi r-rikorrenti *nomine* talab lill-Kontrollur tad-Dwana sabiex jiddetjeni l-merkanzija suspettata gewwa Malta sabiex a tenur tal-**artikolu 7 tal-Kapitolu 414 tal-Ligijiet ta' Malta** huwa jipprocedi civilment ghall-decizjoni dwar in-natura tal-merkanzija detenuta u l-Kontrollur tad-Dwana laqa` din it-talba li tinzamm din il-merkanzija u l-ippakkeggjar tal-istess.

Illi din il-merkanzija inqabdet mill-Port Hieles ta' Malta u l-Kontrollur tad-Dwana jaf li l-kunsinjatarju tal-merkanzija huwa Nour Line P/C M.B.M.T. minn Tunis f' Tunisia u dan skont dak citat fil-polza ta' taghbija numru GGZ0286561 (Dok "PF 7").

Illi l-azzjonijiet tal-intimati jiksru d-disposizzjonijiet tal-**artikolu 4 tal-Kap. 414 tal-Ligijiet ta' Malta**, kif ukoll tal-**artikolu 10 (2) (b) tal-Att Dwar it-Trademarks (Kap 416)** u huma azzjonabbli b'applikazzjoni tad-disposizzjonijeit

rilevanti tal-**artikoli 14 -19** tal-istess **Kap 416** u l-**artikoli 7** u **8** tal-istess **Kap. 414**.

Illi s-socjetajiet rikorrenti ghandhom kull interess li jippromwovu din l-azzjoni gudizzjarja sabiex jikkawtelaw u jenforzaw il-jeddijiet taghhom.

Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Illi ghalhekk l-istess socjeta` rikorrenti talbet lis-socjetajiet intimati jghidu ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:-

1. Tiddikjara li l-oggetti konsistenti f'*AC Adaptars, Batteries* u *earphones* li fuqhom u fuq l-ippakkeggjar hemm l-kelma 'SONY', 'CYBERSHOT', 'InfoLITHIUM' s-simbolu msejjah 'LIQUID IDENTITY' u li jinsabu prezentement taht l-awtorita` tal-Kontrollur tad-Dwana wara li huwa kien issospenda r-rilaxx tal-*container* bin-numru ECMU 8013980 kontenenti l-imsemmija merkanzija, huma kontrafatti u jikkontravjenu d-drittijiet ta' proprjeta` intelletwali tas-socjeta` rikorrenti Sony Corporation, fir-rigward tat-*trademark* taghha: il-kelma 'SONY', liema dritt gie registrat fis-sbatax (17) ta' Awwissu 2007 u moghti n-numru ta' registrazzjoni CTM 005416243 (Dok PF1); il-kelma 'CYBER-SHOT', liema dritt gie registrat fid-dsatax (19) ta' Gunju 2008 u moghti n-numru ta' registrazzjoni CTM 06134019 (Dok PF2); u il-kelma 'infoLITHIUM', liema dritt gie registrat fl-erbgha u ghoxrin (24) ta' Lulju 2006 u moghti n-numru ta' registrazzjoni CTM 004043576 (Dok PF3); u tas-socjeta` rikorrenti Sony Ericsson Mobile Communications AB, fir-rigward tat-*trademarks* taghha: s-simbolu msejjah 'LIQUID IDENTITY', liema dritt gie registrat l-ewwel darba fit-25 ta' Settembru 2003 u moghti n-numru ta' registrazzjoni 002634632 (Dok "PF 4"), u dan okkorrendo bin-nomina ta' esperti nominati ghal dan il-fini.

2. Tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiddisponi minn tali *AC Adapters, Batteries u earphones* 'l hinn mill-kanali tal-kummerc b'dak il-mod li jipprekludu xi hsara lis-socjeta` rikorrenti, jew tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiddistruggi

l-imsemmija *AC Adapters, batteries u earphones*, f'kull kaz minghajr ebda kumpens lil u a spejjez ta' l-intimati.

3. Tordna li l-intimati ghandhom ibatu l-ispejjez kollha konnessi mal-mizuri ordnati *ai termini* tat-tieni u t-tielet talbiet tas-socjetajiet rikorrenti, inkluzi dawk tat-trasport tal-imsemmija *AC Adapters, batteries u earphones* ghall-hazna f'Malta qabel id-distruzzjoni eventwali taghhom, tal-hazna stess, tat-*tallying* u tal-ispejjez kollha dovuti lill-Kontrollur tad-Dwana mill-bidu tal-proceduri, kif ukoll tat-trasport mil-lok tal-hazna ghal-lok eventwali ta' distruzzjoni inkluz l-ispejjez kollha inkorsi ghad-distruzzjoni finali tal-istess *AC Adapters, batteries u earphones*.

Bl-ispejjez kontra l-intimati li minn issa huma ngunti ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda (fol. 3 u 4)u d-dokument esebiti u mmarkati bhala Dok "PF 1" sa Dok "PF 7" kif jidhru minn fol. 5 sa fol. 20 tal-process.

Rat id-digriet datat 6 ta' Mejju 2010 fejn gew nominati l-kuraturi deputati ndikati sabiex jidhru ghall-entitajiet/socjetajiet intimati.

Rat li dan ir-rikors gie appuntat ghas-smigh ghas-seduta tas-16 ta' Gunju 2010, b'dan illi l-Qorti ordnat lis-socjeta` attrici sabiex sa zmien tletin (30) gurnata minn dakinhar stess tipprezenta l-affidavits taghha u tax-xhieda minnha ndikati, li jistghu jsiru bil-procedura tal-affidavit, bid-dokumenti kollha relattivi, bin-notifika lill-kontro-parti jew lid-difensuri tal-kontro-parti u b'riserva ta' kontro-ezami.

Rat li r-risposta guramentata tal-kuraturi deputati datata 26 ta' Mejju 2010 (fol.369) fejn eccepew:-

(1) Illi l-esponenti mhumiex edotti mill-fatti u ghalhekk qeghdin jirriservaw id-dritt li jipprezentaw risposta motivata f' kaz u jekk jigu edotti mill-fatti.

Salv risposta ulterjuri.

Rat il-lista ta' xhieda tal-istess kuraturi a fol. 37 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fis-16 ta' Gunju 2010 fejn meta ssejhet il-kawza ma deher hadd. Il-kawza giet differita ghas-sentenza in difett ta' ostakolo ghat-30 ta' Gunju 2010.

Rat ix-xhieda kollha prodotta.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi mill-atti tal-kawza jirrizulta illi s-socjeta` rikorrenti Sony Corporation hija l-proprjetarja tad-drittijiet registrati bhala *Community Trademarks* u *Community Designs,* ma l-*Office for Harmonization in the Internal Market* tal-Unjoni Ewropea: il-kelma 'SONY', liema dritt gie registrat fis-sbatax (17) ta' Awwissu 2007 u moghti n-numru ta' registrazzjoni CTM 005416243 (Dok "PF 1"); il-kelma 'CYBER-SHOT', liema dritt gie registrat fid-dsatax (19) ta' Gunju 2008 u moghti n-numru ta' registrazzjoni CTM 06134019 (Dok "PF 2"); u l-kelma 'infoLITHIUM', liema dritt gie registrat fl-erbgha u ghoxrin (24) ta' Lulju 2006 u moghti n-numru ta' registrazzjoni CTM 004043576 (Dok "PF 3").

Illi fl-24 ta' Frar 2010 r-rikorrenti *nomine* gie nfurmat mill-Kontrollur tad-Dwana illi waqt l-iskrutinji tieghu gewwa l-Port Hieles, Marsaxlokk, Malta, huwa fit-22 ta' Jannar 2010 kien issosspenda r-rilaxx tal-*container* bin-numru ECMU 8013980 li dahal gewwa l-Port Hieles fuq il-vapur CMA CGM Don Giovanni fid-19 ta' Jannar 2010, liema *container* kien fih: (a) 60 *AC adapters* kollha bil-marki 'SONY' anke fuq l-istess ippakkeggjar tal-*adapters*; (b) 60 *batteries* kollha bil-marka 'SONY', 'CYBER-SHOT' u 'infoLITHIUM' anke fuq l-istess ippakkeggjar tal-*batteries* u (c) 960 *earphones* kollha bis-simbolu msejjah 'LIQUID IDENTITY'(Dok PF5); u li *prima facie* dehru lill-Kontrollur

tad-Dwana li dawn jikkontravjenu drittijiet ta’ proprjeta` intelletwali tas-socjetajiet attrici fuq l-istess oggetti kif jidher mid-Dok. “PF 1” sa Dok. “PF 4” annessi mar-rikors guramentat. Dan ukoll jinsab ikkonfermat mill-affidavit tal-ufficjal tad-Dwana George Agius datat 11 ta’ Gunju 2010 anness man-nota attrici datata 11 ta’ Gunju 2010 (fol. 39).

Illi mill-kampjuni li ttiehdu mir-rikorrenti *nomine* jirrizulta li l-merkanzija msemmija inkluz l-ippakkeggjar tal-istess u mizmuma taht l-awtorita` tal-Kontrollur tad-Dwana huma fil-fatt kontraffazzjonijiet ghar-raguni li: fir-rigward ta’ l-*AC Adapters*, fihom il-kelma ‘SONY’ u kienu gew manifatturati u esportati minghajr l-awtorizzazzjoni ta’ Sony Corporation, u ghalhekk jikkontravjenu d-drittijiet ta’ proprjeta intelletwali ta’ Sony Corporation; u fir-rigward ta’ l-*batteries* fihom il-kliem ‘SONY’, ‘CYBER-SHOT’ u ‘infoLITHIUM’ u ghalhekk jikkontravjenu d-drittijiet ta’ proprjeta` intelletwali ta’ Sony Corporation; u fir-rigward tal-*earphones,* fihom is-simbolu msejjah ‘LIQUID IDENTITY’ u kienu gew manifatturati u esportati minghajr l-awtorizzazzjoni ta’ Sony Ericsson Mobile Communications AB, u ghalhekk jikkontravjenu d-drittijiet ta’ proprjeta` intelletwali ta’ Sony Ericsson Mobile Communications AB u dan skond r-rapport datat 22 ta’ Marzu 2010 ta’ Sony Ericsson Mobile Communications AB li huwa mmarkat u anness bhala Dok. "PF 6" anness mar-rikors guramentat.

Illi jirrizulta wkoll li l-entitajiet/socjatjiet intimati huma konsinatarji tal-istess merkanzija kif jidher mill-polza ta’ karigu (Dok. “PF7” – fol. 20) u ghalhekk it-talbiet attrici qed jigu milqugha ghaliex gew ilkoll ippruvati u fil-fatt ma hemm l-ebda kontestazzjoni ghall-istess.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi fil-waqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati biss in kwantu l-istess huma nkonsistenti ma’ dak hawn deciz, **tilqa’ t-talbiet attrici** b’dan illi:-

1. Tiddikjara li l-oggetti konsistenti f'*AC Adapters, Batteries* u *earphones* li fuqhom u fuq l-ippakkeggjar hemm il-kelma 'SONY', 'CYBERSHOT', 'InfoLITHIUM' s-simbolu msejjah 'LIQUID IDENTITY' u li jinsabu prezentement taht l-awtorita` tal-Kontrollur tad-Dwana wara li huwa kien issospenda r-rilaxx tal-*container* bin-numru ECMU 8013980 kontenenti l-imsemmija merkanzija, huma kontrafatti u jikkontravjenu d-drittijiet ta' proprjeta` intellettwali tas-socjeta` rikorrenti Sony Corporation, fir-rigward tat-*trademark* taghha: il-kelma 'SONY', liema dritt gie registrat fis-sbatax (17) ta' Awwissu 2007 u moghti n-numru ta' registrazzjoni CTM 005416243 (Dok. "PF1"); il-kelma 'CYBER-SHOT', liema dritt gie registrat fid-dsatax (19) ta' Gunju 2008 u moghti n-numru ta' registrazzjoni CTM 06134019 (Dok. "PF2"); u il-kelma 'infoLITHIUM', liema dritt gie registrat fl-erbgha u ghoxrin (24) ta' Lulju 2006 u moghti n-numru ta' registrazzjoni CTM 004043576 (Dok. "PF3"); u tas-socjeta` rikorrenti Sony Ericsson Mobile Communications AB, fir-rigward tat-*trademarks* taghha: s-simbolu msejjah 'LIQUID IDENTITY', liema dritt gie registrat l-ewwel darba fit-25 ta' Settembru 2003 u moghti n-numru ta' registrazzjoni 002634632 (Dok. "PF 4").

2. Tordna lill-Kontrollur tad-Dwana sabiex fi zmien qasir u perentorju ta' disghin (90) gurnata mid-data ta' din is-sentenza jiddistruggi l-imsemmija *AC Adapters, batteries u earphones*, f'kull kaz minghajr ebda kumpens lil u a spejjez tal-intimati.

3. Tordna li l-intimati ghandhom ibatu l-ispejjez kollha konnessi mal-mizuri ordnati *ai termini* tat-tieni u t-tielet talbiet tas-socjetajiet rikorrenti, inkluzi dawk tat-trasport tal-imsemmija *AC Adapters, batteries u earphones* ghall-hazna f'Malta qabel id-distruzzjoni eventwali taghhom, tal-hazna stess, tat-*tallying* u tal-ispejjez kollha dovuti lill-Kontrollur tad-Dwana mill-bidu tal-proceduri, kif ukoll tat-trasport mil-lok tal-hazna ghal-lok eventwali ta' distruzzjoni nkluz l-ispejjez kollha nkorsi ghad-distruzzjoni finali tal-istess *AC Adapters, batteries u earphones*.

Bl-ispejjez kontra l-entitajiet/socjetajiet intimati b'dan li l-kuraturi deputati jithallsu skont il-ligi.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------